MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 63

12 ta' Settembru 2016

Minuti tas-seduta Nru. 63 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 12 ta'Settembru 2016 fis-7.00pm.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha minbarra l-Kunsillier J. Attard li nforma lill-Kunsill illi ma setax jattendi minħabba raġunijiet familjari, permezz ta' imejl datat 9 ta' Settembru 2016. Il-Kunsill dehrlu li r-raġuni mogħtija hija ġustifikata u għalhekk skuża lis-Sur J. Attard.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa direttament bl-internet.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-minuti tas-seduta Nru. 61 li saret fis-16 ta' Awwissu 2016, kif ukoll dawk tas-seduta Nru. 62, li ssejħet b'urġenza għat-30 ta' Awwissu 2016, kienu approvati mingħajr emendi u għaldaqstant ġew iffirmati. Kien hemm qbil ukoll li għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Introduzzjoni ta' *rumble strips* fi Triq il-Kbira (T/3/3/Vol V)

2.1.2. Is-Sindku aċċenna għall-minuti 16.1 u 1.0 tas-seduti Nri. 61 u 62, rispettivament u għarraf li l-arranġamenti maqbula fis-seduta tat-30 ta' Awwissu 2016 ġew komunikati lil Transport Malta, li min-naħa tagħhom approvawhom. Għaldaqstant, dawn ġew implimentati fuq il-post bl-eċċezzjoni tal-applikazzjoni tal-materjal li jippreveni l-vetturi ma jiżolqux, eżattament fil-kurva li teżisti fi Triq il-Kbira, bejn Triq in-Naħal u Triq Snajjin. Is-Sur J. Buttigieg qal li x-xogħol sar fil-lejl bejn il-5 u s-6 ta' Settembru 2016 sabiex jiġi kkawżat l-inqas inkonvenjent possibbli.

2.1.3. Il-Kunsillier H. Fenech ilmenta li huwa konsistentement mhux qed jiġi kkwotat fil-minuti tas-seduti dwar materji li jiġu trattati. Kompla jgħid li fuq dan is-suġġett partikulari huwa kien ġibed l-attenzjoni dwar il-periklu u l-inkonvenjent li kkawżaw ir-*rumble strips*, li għadhom jitneħħew minn Triq il-Kbira.

2.1.4. Dwar il-minuta 2.1.3. is-Sindku wieġeb li kemm-il darba xi membru tal-Kunsill iħoss li ma ġiex ikkwotat tajjeb, jew l-intervent ikun tħalla barra mill-minuti, għandu kull dritt jitlob emenda fis-seduta ta' wara. Fin-nuqqas ta' dan, wieħed jifhem li l-minuti jkunu aċċettabbli għalih.

**2.2.1.** **Proġett – *Small Markets at the Heart of the European Economy*** **(P/10/25)**

2.2.2. Is-Segretarju aċċenna għall-minuta 10.1. tas-Seduta Nru. 61 u qal li qed jitħejja dokument tal-offerta sabiex tiġi pprovduta akkomodazzjoni u ikel għall-parteċipanti li ser jieħdu sehem fil-proġett imsemmi. Huwa qal li s-sejħa mistennija toħroġ fil-ġranet li ġejjin.

2.2.3. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li l-ikliet ta' nofsinhar ser jingħataw minn stabbilimenti differenti fil-Mellieħa, filwaqt li l-faċilitajiet għall-konferenza jistgħu jinkisbu minn lukanda li mhux neċessarjament tkun dik li tipprovdi l-akkomodazzjoni u l-ikliet tal-filgħaxija.

2.2.4. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li qed tittieħed.

**2.3.1.** **Użu tal-*bring-in sites*** **(K/6/10/Vol III)**

2.3.2. Il-Kunsillier E. Bartolo aċċenna għall-minuta 8.3. tas-Seduta Nru. 61 u ssuġġerixxa li l-ġbir tal-ħġieġ bieb-bieb jibqa' jsir kull l-ewwel u t-tielet ġimgħa ta' kull xahar sabiex ma tinħoloqx konfużżjoni fost ir-residenti.

2.3.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

**2.4.1.** **Mina tal-ilma tax-xita fl-Għajn tal-Mellieħa** **(R/2/3/Vol II)**

2.4.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.8.1. tas-seduta Nru. 61 u għarraf li nkisbet stima ta' €293, bil-VAT inkluża, sabiex issir gradilja tal-ħadid iggalvanizzat bil-għan li tilqa' l-iskart li jinġarr mill-ilma tax-xita, u ma jibqax sejjer fil-Wied tal-Madonna.

2.4.3. Il-Kunsill approva l-istima

**2.5.1.** **Kors tal-kompjuter li jwassal għall-ECDL** **(E/3/1/9/Vol IV)**

2.5.2. Il-Kunsillier P. Cutajar aċċenna għall-minuta 4.6.1. tas-Seduta Nru. 61 u qal li huwa ndaġa dwar entitajiet li jipprovdu korsijiet li jwasslu kisba taċ-ċertifikat ECDL. Kompla jgħid li l-inqas wieħed li sab kien jinvolvi spiża ta' €210 għall-kors u €9.75 kull eżami.

2.5.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li prezz offrut minn TCTC Ltd ta' €295 li jinkludi l-kors, *mock exams* u l-eżamijiet, huwa iktar attrajenti, filwaqt li jista' isir kollu fl-uffiċċju tal-Kunsill.

**2.6.1.** ***Culvert* għall-ilma tax-xita fi Triq il-Qortin** **(T/4/12/Vol II)**

2.6.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 17.1. tas-Seduta Nru. 61 u għarraf li huwa kkuntattja lill-Perit Charmaine Cutajar tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma dwar il-possibilità li jsir użu mill-mina tad-drenaġġ biex fiha jitqiegħdu l-katusi u hekk il-*culvert* eżistenti jkun jista' jitħalla kif inhu, kif ukoll ma jitħaffrux trinek. Min-naħa tagħha, il-Perit Cutajar qalet li ser tikkonsulta l-pjanti li għandha l-korporazzjoni dwar din l-infrastruttura. Hija għamlitha ċara li kemm-il darba jsir użu mill-mina, it-tqegħid tal-katusi jkun irid isir mill-ħaddiema tal-korporazzjoni peress li jeħtieġ jittieħdu ċerta prekawżjonijiet minħabba l-preżenza ta' gassijiet perikolużi.

2.6.3. Is-Sur J. Buttigieg qal li ngħata parir illi jekk l-ilma tax-xita li jiġi minn Triq W. Lassel jitlaħaq permezz ta' spralli li jsiru fit-tarf tal-istess triq, jonqos l-volum tal-ilma li jinġabar fi Triq il-Qortin.

2.6.4. Il-Kunsill innota l-konsultazzjonijiet li għaddejjin fuq din il-materja.

**2.7.1.** **Arranġamenti għall-Festa tal-Vitorja** **(F/2/Vol VI)**

2.7.2. Is-Sindku aċċenna għall-minuta 19.1. tas-Seduta Nru. 61 u qal li b'sodisfazzjon nnota li l-arranġamenti li kienu ppjanati ġew implementati, kemm f'dak li jirrigwarda l-Pulizija, l-Uffiċjali tal-Komunità, Transport Malta, kif ukoll min-naħa tal-Malta Public Transport. Huwa qal li dan kien frott ta' laqgħat diretti li saru ma' dawn l-entitajiet, sabiex ma jiġux ripetuti nuqqasijiet li kien hemm fi snin preċedenti.

2.7.3. Il-Kunsillier E. Bartolo ssuġġerixxa li fis-7 u t-8 ta' Settembru, Triq it-Tramuntana u Triq il-Mithna l-Ġdida għandhom jibqgħu miftuħa sabiex jiffaċilitaw l-aċċess kemm għar-residenti, kif

ukoll għat-traġitt marbut mal-festa. Huwa qal ukoll li s-servizz li ngħata mill-kennies waqt il-festa kien effettiv ħafna.

2.7.4. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li l-permessi għat-tqegħid ta' imwejjed u siġġijiet fuq il-pont ta' Triq Adenau għandhom ikunu limitati għas-7 u t-8 ta' Settembru, peress li erbat'ijiem qed ikunu twal wisq u qed ikun hemm ilmenti mir-residenti ta' Triq Dun Franġisk Sciberras li qed ikollhom ħruġ wieħed biss minn Triq Sant' Elena.

2.7.5. Is-Sindku aċċenna wkoll għall-permess li nħareġ lill-operatur ta' Reflections Pub sabiex tingħalaq parti minn Triq tas-Salib fit-8 ta' Settembru wara nofsinhar. Huwa qal li dan inħareġ wara li nkiseb il-kunsens tal-ġirien u ma jidhirx li kien hemm xi nkonvenjenti bid-daqq tal-mużika.

## 3.0. Tqegħid ta'Karti

- *Purchase Request Form* – 07/09/16;
- Skeda ta' Pagamenti – 13/08/16 – 17/09/16;
- Abbozz tal-Ftehim approva mis-Soċjetà Din l-Art Ħelwa – 06/09/2016;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Ftehim dwar il-kustodja tat-Torri l-Abjad (A/6/7/1/Vol II)

4.1.2. Saret referenza għal imejl datat 6 ta' Settembru 2016, fejn is-Soċjetà Din l-Art Ħelwa (DLĦ) għaddiet l-abbozz sħiħ tal-ftehim dwar il-kustodja tat-Torri l-Abjad. Fl-istess korrispondenza, intqal li l-intenzjoni min-naħa tagħhom hija li t-torri jakkomoda faċilitajiet ta' dormitorju, wirja interattiva għall-viżitaturi, klassi għat-tagħlim, u kafetterija żgħira. Il-President Eżekuttiv tas-Soċjetà staqsiet dwar jekk il-Kunsill jaqbilx ma' l-introduzzjoni ta' dawn il-faċilitajiet, kif ukoll jekk għandhomx ikunu nklużi fil-ftehim.

4.1.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li biex it-tmexxija tat-torri tkun waħda sostenibbli u jiġi attirat il-pubbliku, jagħmel sens li jkun hemm faċilitajiet ta' kafetterija. Dan jista' jinvolvi l-ksib tal-kunsens tat-Taqsima Proprjetà tal-Gvern, billi l-klawsola 5 tal-ftehim tad-devoluzzjoni, tgħid li:

> *"The lessee may, subject to the prior written consent of the lessor and all permits required by law, carry out additions/improvements to the property let provided that such additions/improvements are within the spirit of the use of the property....".*

4.1.4. Il-Kunsill ra ukoll il-klawsoli 8 u 9 tal-ftehim dwar il-kustodja tat-torri li jittrattaw l-assikurazzjoni u l-indenniż. Kien hemm qbil li t-test mgħoddi minn DLĦ huwa aċċettabbli, liema klawsoli jipprovdu kif ġej:

> *8. Insurance*
>
> *DLH shall take out an annual public liability insurance from an approved agency in line with the insurance covers of its other properties.*
>
> *9. Indemnity Clauses*
>
> *DLH shall indemnify and keep the Local Council indemnified against all actions, proceedings, claims and demands brought or made against it, and all losses, damages, costs, expenses and liabilities incurred, suffered or arising directly or indirectly in respect of or otherwise in connection with anything relating to the lease.*

4.1.5. Fuq proposta tal-Kunsillier P. Cutajar, il-Kunsill qabel li l-*Liaison Committee* għandhom jingħatawlu rapporti dwar it-tmexxija tat-torri darbtejn fis-sena. Għaldaqstant il-klawsola 12.3. tal-ftehim dwar il-kustodja tat-torri għandha tinqara hekk:

> *"The DLĦ shall submit regular management reports on the property, to the Liason Committee. Such reports shall be given at least twice a year.".*

**4.2.1. Sewqan perikoluż f'Dawret it-Tunnara (T/3/2/Vol XIV)**

4.2.2. Saret referenza għal petizzjoni datata 24 ta' Awwissu 2016 iffirmata minn 80 persuna, fejn talbu li jsiru *speed humps* f'Dawret it-Tunnara, bejn Triq it-Trill u Triq il-Marfa, minħabba li hemm tendenza li s-sewwieqa jgħaddu minnha b'veloċità qawwija.

4.2.3. Il-Kunsill ra li hemm kunsens wiesgħa biżżejjed fost ir-residenti, sabiex issir rakkomandazzjoni lil Transport Malta bil-għan li jiġu ntrodotti l-i*speed humps* mitluba f'Dawret it-Tunnara, qrib il-kantuniera ma' Triq is-Sajjieda u oħra fil-parti ta' ġewwa tat-triq.

**4.3.1. Sewqan perikoluż fi Triq is-Sliem (T/3/2/Vol XIV)**

4.3.2. Inqrat petizzjoni ffirmata minn 14-il resident fit-triq imsemmija li qed jilmentaw minn sewqan perikoluż u għalhekk qed jitolbu li jsiru *speed humps* lejn nofs din it-triq, preċiżament quddiem Plots 83/84.

4.3.3. Il-Kunsill ra li r-residenti qed jaqblu bejniethom dwar il-miżura mitluba u għalhekk kien hemm qbil li ssir rakkomandazzjoni lil Transport Malta favur it-talba.

**4.4.1. Ċentru ta' interpretazzjoni fil-Batterija ta' Westreme (P/4/4/Vol IV)**

4.4.2. Is-Segretarju rrefera għad-diskussjoni li kien hemm dwar dan is-suġġett fis-seduta Nru. 56 tal-24 ta' Mejju 2016 meta l-Kunsill kien ġie mgħarraf bl-isforzi li qed isiru biex il-batterija ta' Westreme tiġi żviluppata bħala ċentru ta' interpretazzjoni dwar t-tunnara.Fl-istess okkażjoni kienu ngħataw dettalji dwar kuntatti li għaddejjin bil-għajnuna tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali u l-MEUSAC, bil-għan li jitfassal *project brief*., li eventwalment sar u ġie mgħoddi lill-Funds and Programmes Division. Dan bil-għan li tiġi mistħarġa l-possibiltà li l-proġett jiġi ffinanzjat mill-Fond għall-Iżvilupp Reġjonali Ewropew (ERDF). Is-Sur C. Debono qal li permezz ta' ittra data 9 ta' Settembru 2016, l-FPD indikaw li l-intenzjonijiet tal-Kunsill huma konformi mal-*priority axis* tal-fond u ġibdet l-attenzjoni li meta tiġi sottomessa l-applikazzjoni formali għandha tingħata attenzjoni għall-fatturi segwenti:

- Il-miżuri li jridu jittieħdu biex jiġu attirati aktar viżitaturi;
- Il-protezzjoni tax-Xagħra tat-Tunnara;
- Tbassir dwar kemm ser jiżdiedu l-viżitaturi permezz tal-investiment;
- L-applikazzjoni ssir f'isem il-Kunsill, bis-Segretarju Eżekuttiv bħala l-*Project Leader*;
- Konsultazzjoni mal-i*State Aid Monitoring Board* dwar regolamenti li jistgħu japplikaw u l-osservanza tagħhom biex tiġi faċilitata l-għażla tal-proġett;
- L-eliġibilità tar-restawr fuq ħitan tas-sejjieħ tiddependi fuq it-tip ta' interventi li jkunu meħtiega;
- Prova li l-Kunsill jista' jagħmel tajjeb għall-kofinanzjament u spejjeż oħra li mhumiex eligibbli;
- Il-programm huwa ntiż għal interventi fuq skala relattivament żgħira li t-total tagħhom ma jkunx jaqbeż €5 miljuni;
- L-interventi meħtieġa jistgħu jinvolvu l-ksib ta' permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar u entitajiet oħra konċernati, bħas-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali eċċ;
- Tingħata ġustifikazzjoni dwar il-ksib tal-valur tal-investiment li jsir billi jiġu stabbiliti l-benefiċċji mistennija; u
- Konsultazzjoni ma' awtoritajiet konċernati bħalma huma il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità, il-Kummissjoni Nazzjonali dwar il-Promozzjoni tal-Ugwaljanza, eċċ.

4.4.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandha tinkiseb għajnuna ta' nies esperti dwar is-sottomissjoni ta' applikazzjoni ta' din ix-xorta, bħalma huma l-MEUSAC u/jew professjonisti f'dan il-qasam.

**4.5.1. Ipparkjar fi Triq Anthony Sammut (T/3/2/Vol XIV)**

4.5.2. Saret referenza għal imejl datat 5 ta' Settembru 2016, mibgħut minn Auxilio Caruana, li minkejja li saru linji sofor fuq iż-żewġ naħat tal-garaxx tiegħu f'Nru. T14, ilmenta li qed isibha diffiċli li jimmanuvra b'xarabank twil 12-il metru, billi l-wisa' tal-karreġġjata hija 6.55 metri u l-bieb tal-garaxx huwa 6.55 metri. Huwa għaldaqstant qed jitlob li jiġu mneħħija ż-żewġ *parking bays* li hemm fuq naħa waħda tal-istess garaxx.

4.5.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li minħabba d-domanda li tiżisti għall-ipparkjar, kemm jista' ikun mgħandhomx jitneħħew iż-żewġ *parking bays* kif intalab. Għaldaqstant kien hemm qbil li għandu jinkiseb il-parir ta' Transport Malta wara li jiġu kkalkulati t-*turning circles* tal-vetturi.

**4.6.1. Festa tal-Qara' Aħmar (S/6/Vol IV)**

4.6.2. Saret referenza għal imejl datat 16 ta' Awwissu 2016, mibgħut mill-Koperattiva Rurali tal-Manikata, fejn l-istess koperattiva appellat għall-kollaborazzjoni tal-Kunsill fl-organizzazzjoni ta' din l-attivita` li ser issir fil-Manikata fit-30 ta' Ottubru 2016. Fl-istess imejl ġie propost li l-Kunsill jipprovdi s-servizz tal-*audio* u l-kiri tal-palk. Il-Kunsill intalab sabiex jiftaħ il-latrina pubblika ta' Ġnien iż-Żerniq.

4.6.3. Il-Kunsill iddeċieda li s-sehem tiegħu m'għandux jaqbeż l-ispiża ta' €400.

**4.7.1. Sejħa Nru. 8/2015 – Manutenzjoni u żamma ta' latrini pubbliċi (L/3/Vol III)**

4.7.2. Saret referenza għal imejl datat 12 ta' Settembru 2016, mibgħuta minn Absolute Cleaners Ltd, fejn infurmaw lill-Kunsill illi mhumiex lesti li jkomplu jipprovdi s-servizz imsemmi bir-rati li taw erba' snin qabel b'effett mill-1 ta' Ottubru 2016 u għaldaqstant se jibdew japplikaw żieda ta' 20%.

4.7.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li l-*Public Contracts Review Board* baqa' ma tax tweġiba għall-ittra uffiċjali li ntbagħtet sabiex jiċċara d-deċiżjonijiet konfliġġenti li ngħataw fir-rigward tal-offerta li saret mis-Sur Paul Cardona u dik ta' Absolute Cleaners Ltd. Kompla jgħid li f'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Kunsill għandu jerġa' jagħmel sejħa ġdida sabiex ma jibqax jiffunzjoni b'kuntratt skadut.

4.7.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi għandu jipproċedi bil-ħruġ ta' sejħa għall-offerti wara li ssir diskussjoni dwar id-dokument tal-offerta mit-*Tender Adjudication Board*.

**5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Materjal**

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 9 ta' Settembru 2016.

5.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

**6.1. Talbiet għal Ħlasijiet marbuta ma' Servizzi u Materjal**

6.2. Ġiet ippreżentata skeda ta' pagamenti li tkopri bejn it-13 ta' Awwissu u s-7 ta' Settembru 2016.

6.3. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fl-iskeda.

6.4. Kien hemm qbil li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

**7.1. Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv (P/7/1/Vol X)**

7.2. Is-Segretarju rrefera għall-Ċirkulari 16/2016, maħruġa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fl-24 ta' Awwissu 2016. Ġie spjegat li l-Artiklu 50 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) jipprovdi li kunsill lokali għandu jinnomina Deputat Segretarju Eżekuttiv biex jeżerċita l-funzjonijiet ta' Segretarju Eżekuttiv kull meta l-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv tkun vakanti, jew is-Segretarju Eżekuttiv għal xi raġuni ma jkunx jista' jaġixxi. Ġie spjegat ukoll li s-Segretarju Eżekuttiv għandu javża lill-Kunsill fil-ħin bil-miktub dwar kull ċirkostanza fejn hu ma jkunx jista' jaġixxi.

Għaldaqstant kull Kunsill Lokali għandu japprova, permezz ta' riżoluzzjoni, persuna li tinsab fil-*pool* tas-Segretarji Eżekuttivi prospettivi biss u l-ebda persuna oħra.

7.3. Is-Sur C. Debono għarraf ukoll li attwalment għaddejjin kuntatti bejn l-Assoċjazzjoni Nazzjonali tas-Segretarji Eżekuttivi (ANSEK) u d-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-interpretazzjoni tal-liġi, fir-rigward liemi huma dawk iċ-ċirkostanzi fejn għandu jintalab l-intervent tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv (eż: meta wieħed isiefer għal perjodu qasir, jew meta jkun rikoverat id-dar/l-isptar eċċ). Iż-żewġ naħat qablu li għandu jkun hemm laqgħa mal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali dwar dan. Fl-istess kuntatti d-Direttur verbalment iċċara wkoll li Segretarji Eżekuttivi li huma fil-kariga għandhom jitqiesu li huma persuni eliġibbli flimkien ma' dawk li qegħdin fil-*pool* ta' Segretarji prospettivi.

7.4. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jibqa' konsistenti ma' riżoluzzjoni li ttieħdet fis-Seduta Nru. 29 tal-Ħames Kunsill tas-7 ta' Awwissu 2006, fejn il-Kunsill iddeċieda li jaħtar persuna biex taqdi l-funzjoni ta' Deputat Segretarju minn fost l-impjegati tal-Kunsill, ossija s-Sinjura M. Azzopardi Gambin, li attwalment għadha impjegata mal-Kunsill fi Skala 11.

7.5. Fid-dawl tat-tagħrif mogħti, il-Kunsill iddeċieda li wieħed għandu jistenna sabiex isir magħruf kif ser jiżvolġu l-affarijiet qabel tingħata tweġiba lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

## 8.1. Rendikont Finanzjarju – April/Ġunju 2016 (F/1/1/Vol II)

8.2. Is-Segretarju aċċenna għar-rapport li tqassam qabel is-seduta. Huwa spjega li d-dħul tal-Kunsill bejn April u Ġunju 2016 kien inqas mill-estimi b'€2,201, filwaqt li min-naħa l-oħra kien hemm dħul kommess taħt l-Fond għat-Titjib Urban (UIF) mill-Awtorità tal-Ippjanar, li jammonta għal €92,252 fuq il-proġett tad-dwal li saru ġodda fil-parti t'isfel ta' Santa Marija

8.3. Minn naħa l-oħra l-infieq kien iktar mill-estimi b'€72,595, meta jittieħdu in konsiderazzjoni spejjeż fuq servizzi u proġetti mwettqa matul il-perjodu kopert bir-rapport. Kompla jgħid li meta jittieħed id-dħul kontra l-infieq, kif ukoll il-fondi diġa kommessi fl-istess perjodu, kien jifdal bilanċ negattiv ta' €169.279.

8.4. Is-Sur C. Debono qal li fir-rapport ittieħdu in konsiderazzjoni spejjeż kommessi fuq *Road Resurfacing* ta' €166,988.67 b'rabta max-xogħlijiet li saru fiż-żona Tas-Sellum, flimkien mal-bilanċ fuq Triq Ramlet il-Qortin u l-bilanċ dovut *short term* tal-PPP marbut ma' Triq l-Armier.

8.5. Wara aktar diskussjoni, ir-rendikont finanzjarju ġie approvat u għalhekk is-Segretarju ntalab sabiex jippubblikah fis-sit elettroniku tal-Kunsill.

## 9.1. Sejħa għall-Offerti Nru. 9/2016 – Bandli u Xogħlijiet Anċillari fi Ġnien il-Qigħan (P/2/1)

9.2. Is-Segretarju rrefera għas-sejħa msemmija li għalqet fit-30 ta' Awwissu 2016, kif ukoll għall-iskeda tal-offerti li ġiet mgħoddija lill-Kunsillieri hekk kif għalqet is-sejħa, fejn il-prezzijiet offruti kienu kif jidher hawn taħt:

| **Offerent** | **Prezz Ikkwotat (mingħajr VAT)** |
|---|---|
| J.G.C. Ltd | €14,813.00 |
| Projekte Global Ltd | €19,173.54 |
| Gokker Ltd | €20,432.08 |

9.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jitħejja rapport tekniku mill-*Contracts Manager* qabel din il-materja tiġi mgħoddija lit-*Tender Adjudication Board.*

9.4. Skont kif provdut fl-Artiku 19 tal-Att dwar Kunsilli Lokali, is-Sindku J. Buttigieg tenna l-interess pekunjarju ndirett fuq din il-materja, u għalhekk talab li ma jieħux parti fl-evalwazzjoni tal-offerti li ġew sottomessi.

**10.1. Sejħa għall-Offerti Nru. 10/2016 – Servizz ta' *Contracts Manager* (Operazzjonijiet Ġenerali) u Servizzi Anċillari (K/6/5/2)**

10.2. Is-Segretarju rrefera għas-sejħa msemmija li għalqet fit-30 ta' Awwissu 2016, kif għall-iskeda tal-offerti li ġiet mgħoddija lill-Kunsillieri hekk kif għalqet is-sejħa, fejn il-prezzijiet offruti kienu kif jidher hawn taħt:

| **Offerent** | **Prezz Ikkwotat (mingħajr VAT)** |
|---|---|
| Perit Daniel Cordina | €22,549.00 |
| Perit Joseph Attard | €26,350.00 |

10.3. Il-Kunsill iddeċieda li din il-materja għandha tiġi diskussa mit-*Tender Adjudication Board.*

## 11.1. Rally ta' karozzi klassiċi organizzati mill-Mdina Grand Prix Foundation (A/6/3/2/Vol 47)

11.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf li fis-27 ta' Lulju 2016 huwa attenda t-tnedija tal-avveniment imsemmi, fejn tħabbar li parti mill-Malta Classic Car Rally ser issir f'Dawret il-Mellieħa nhar il-Ħamis 6 ta' Ottubru 2016, bejn is-1.00pm u t-8.00pm. Kompla jgħid li qed isiru arranġamenti sabiex fi tmiem l-avveniment jingħata riċeviment fuq il-Belvedere tas-Sur, fejn il-vetturi tal-parteċipanti jkunu jistgħu jiġu pparkjati f'Misraħ il-Parroċċa.

11.3. Is-Sindku staqsa dwar jekk ikunx possibbli li jingħalqu żewġ karreġġjati biss f'Dawret il-Mellieħa, bil-għan li jiġi evitat li jgħaddi ħafna traffiku mill-qalba tal-Mellieħa. Is-Sur J. Buttigieg aċċenna li kien hemm ilmenti mill-pubbliku fl-edizzjonijiet preċedenti.

11.4. Is-Sur C. Bartolo wieġeb li l-organizzaturi ma jarawx li dan huwa possibbli minħabba raġunijiet ta' siġurtà.

11.5. Il-Kunsill approva l-allokazzjoni ta' żewġ Pulizija sabiex jikkontrollaw it-traffiku qrib ir-*roundabouts* ta' Dawret il-Mellieħa, kantuniera ma' Triq il-Marfa u Triq Lewis Wettinger. Il-Kunsill ikkonċeda wkoll l-eżenzjoni mill-ħlas tal-permess.

**12.1. Sejħiet għall-Istimi dwar kiri u nstallazzjoni ta' dwal dekorattivi fi Triq il-Kbira u Triq Ġorġ Borg Olivier matul il-perjodu tal-Milied 2016 u l-Ewwel tas-Sena 2017 (T/4/15)**

12.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ppropona li tinħareġ sejħa għall-istimi bħalma jsir kull sena, bid-differenza li tintrama wkoll Triq il-Kbira, bejn Triq Snajjin u Triq ix-Xagħra ta' Barra. Dan peress li hemm domanda mill-komunità kummerċjali ta' dik il-parti.

12.3. Is-Segretarju kkummenta li l-parti ta' barra ta' Triq il-Kbira tinvolvi spiża addizzjonali sinifikanti, billi it-triq hija wiesgħa u jkun jeħtieġ li jintramaw l-arbli.

12.4. Fid-dawl tal-punt imqajjem fil-minuta 12.2., il-Viċi Sindku kkummentat li jista' jiġi kkunsidrat it-tiżjin tas-siġar li hemm fil-parti ta' barra ta' Triq il-Kbira.

12.5. Is-Sindku kkummenta li l-Kunsill diġa huwa mgħobbi wisq bi spejjeż marbuta mal-Milied bl-armar tal-parti ta' ġewwa ta' Triq il-Kbira, Triq Ġorġ Borg Olivier, Triq il-Parroċċa, Misraħ il-Parroċċa fil-Manikata u b'Milied Mellieħi. Is-Sur J. Buttigieg aċċenna għall-fatt li f'lokalitajiet oħra, hija l-istess komunità kummerċjali li tikkontribuwixxi għat-tiżjin tal-Milied, filwaqt li dan mhux il-każ fir-rigward tal-Mellieħa.

12.6. Wara aktar diskussjoni l-Kunsill qabel li għandha terġa ssir ssejħa għall-offerti sabiex tiżżejjen Triq Ġorġ Borg Olivier kollha u Triq il-Kbira, bejn Triq Sant' Anna u Triq il-Snajjin.

**13.1. Tisbiħ tat-taraġ ta' fuq fi Triq San Publiju (P/4/17/Vol II)**

13.2. Is-Sindku qal li x-xogħol fuq il-proġett imsemmi mistenni jibda fil-jiem li ġejjin wara li jiġu finalizzati ċerti proċeduri mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma dwar il-*mains* u l-*house connections* li jeħtieġ jinbidlu. F'dak li jirrigwarda t-tneħħija tal-arblu eżistenti fil-kantuniera ma' Triq il-Parroċċa, intqal li sar kuntatt mal-Enemalta plc sabiex tittieħed l-azzjoni meħtieġa min-naħa tagħhom.

13.3. Is-Sur J. Buttigieg għarraf ukoll li għaddejjin kuntatti mal-Awtorità Maltija tat-Turiżmu, bil-għan li din tgħin fil-finanzjament tal-fanali illi ser jsiru pariġġ dawk ta' Triq il-Parroċċa.

13.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**14.1. Ħarġa kulturali (A/5/5/Vol VII)**

14.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ipproponiet illi l-ħarġa kulturali li jmiss tkun għall-Smart City, fis-16 ta' Settembru 2016 bi tluq fil-5.30pm. Il-ħlas tat-trasport ikun €3.00 kull persuna.

14.3. Il-Kunsill approva l-proposta mressqa.

**15.1. Stedina għall-Agia Napa Festival (K/1/5/4)**

15.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini fakkret li hija u l-Kunsillier J. Gauci ser jattendu għall-avveniment imsemmi bejn il-21 u s-26 ta' Settembru 2016. Għall-istess avveniment ser ikun hemm preżenti rappreżentanti minn erba' muniċipalitajiet oħra ġemellati ma' Agia Napa – Ivanovo, Minsk, Ioanina u Rthymno. Għaldaqstant ipproponiet li dawn jiġu ppreżentati b'tifkiriet ta' din il-laqgħa.

15.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

**16.1. *EDEN Network Meeting* (T/12/2)**

16.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li attwalment għaddejja r-reġistrazzjoni għall-konferenza msemmija li ser tiġi ospitata mill-Kunsill fil-Mellieħa bejn il-25 u s-26 ta' Ottubru 2016. Huwa qal ukoll li għaddejjin ukoll kuntatti mal-Mellieħa Holiday Centre li qed joffru rati tajbin f'dik li hija ospitalità, u għall-faċilitajiet meħtieġa għall-konferenza. Huwa fakkar ukoll li l-ispejjeż involuti, apparti l-għajnuna mwiegħda mill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu, ser ikun hemm il-fondi marbuta mal-Premju Nazzjonali għall-Appoġġ lill-Intrapriża 2016

16.3. Il-Kunsill approva x-xiri tas-servizzi meħtieġa sakemm jiġu osservati t-*thresholds* stabbiliti mir-Regolamenti Finanzjarji u jiġu approvati kollha qabel l-avveniment.

**17.1. Ftehim dwar il-Batterija ta' Westreme (Mużew tat-Tunnara) (P/4/4/Vol IV)**

17.2. Is-Sindku aġġorna lill-Kunsill bl-andament tal-laqgħa li saret ma' delegazzjoni mill-Art Club 2000 li kienet komposta mill-President is-Sur Twanny Darmanin u mis-Segretarju s-Sur Anthony Valletta, liema laqgħa saret preċiżament qabel din is-seduta, u għaliha kienu preżenti l-Kunsillieri kollha minbarra l-Kunsillier J. Attard li kien skużat.

17.3. Is-Sur J. Buttigieg aċċenna li fil-laqgħa ġie spjegat li l-Kunsill kien preokkupat li l-ftehim oriġinali kien ilu li skada, filwaqt li jeħtieġ illi jkun konsistenti ma' ftehim li l-Kunsill għandu ma' entitajiet oħra dwar il-kustodja ta' proprjetà li ġiet devoluta lilu. Huwa qal li essenzjalment il-ftehim il-ġdid huwa kważi l-istess bħal dak oriġinali, filwaqt li t-tibdil jinvolvi:

- Il-ħatra ta' Kumitat ta' Superviżjoni kompost minn *Chairperson* u membru maħtur mill-Kunsill u membru ieħor nominat mill-klabb;

- Iċ-*Chairperson* ma jistax ikollu kariga fuq kumitat ta' xi għaqda volontarja bbażata fil-lokalità;

- Il-Kumitat ta' Superviżjoni jiltaqa' mill-inqas darbtejn f'sena bil-għan li jara r-rendikonti finanzjarji li jinżammu, kif ukoll isegwi l-andament in ġenerali.

17.4. Is-Sur T. Darmanin qal li l-ammont ta' kontribuzzjonijiet li qed ikun hemm huwa baxx ħafna, hekk li f'Awwissu 2016 dan ma kienx iktar minn €25. Huwa qal li dan kompla naqas fl-aħħar xhur, peress li n-nies qed jieħdu l-impressjoni li l-bini huwa perikoluż, meta jaraw l-blokki tal-konkos li saru mal-ħitan tal-batterija. Huwa qal li r-rati li hemm fil-ftehim oriġinali huma għoljin u jeħtieġ li jitbaxxew.

17.5. Dwar il-minuta 17.4, il-Kunsill qabel li r-rati tad-dħul għandhom jiġu riveduti kif jidher fl-iskeda t'hawn taħt:

| Tip ta' viżitatur | Rata skont il-ftehim oriġinali | Rata riveduta |
|---|---|---|
| Persuna adulta | €~~1.00~~2.33 | €2.00 |
| Detentur tal-KartAnzjan | €~~0.60~~1.40 | €1.00 |
| Tfal taħt it-12-il sena | €0.~~25~~58 | Mingħajr ħlas |

17.6. Is-Sindku rrefera għall-klawsola 16 li tobbliga lill-Art Club jgħaddu lill-Kunsill l-ispejjeż tal-konsum tal-elettriku u l-ilma. Huwa aċċenna għall-fatt li qatt ma saret refużjoni ta' dawn l-ispejjeż lill-Kunsill.

17.7. Il-Kunsill qabel li l-osservanza tal-klawsola 16 għandha tiġi sospiża sa l-ewwel laqgħa tal-Kumitat ta' Superviżjoni.

17.8. Is-Sindku rrefera għall-kumment dwar l-istat tal-bini tal-batterija skont il-minuta 17.4 u qal li l-Kunsill qed jagħmel sforzi sabiex jinkisbu fondi minn tliet sorsi differenti, ossija mill:

- *Environment Initiative in Partnership Programme* amministrat mill-Awtorità tal-Ippjanar;
- Programm ta' Koperazzjoni Teritorjali Italja – Malta amministrat mill-Unjoni Ewropea; u
- Il-Fond għall-Iżvilupp Reġjonali Ewropew (ERDF). amministrat ukoll mill-Unjoni Ewropea.

17.9. Is-Sur J. Buttigieg qal li inċidentalment permezz tal-kuntatti li għaddejjin mal-Awtorità tal-Ippjanar, inġibditlu l-attenzjoni li l-arma tal-fibre glass li twaħħlet mal-faċċata tal-batterija għandha titneħħa, minħabba l-materjal li magħmula minnu, kif ukoll billi l-Granmastru Perellos ma kellu ebda konnessjoni ma' din il-binja.

17.10. Fi tmiem id-diskussjoni, kien hemm qbil li t-test finali tal-ftehim għandu jiġi mgħoddi lill-kumitat tal-Art Club 2000 sabiex dan jiġi ffirmat miż-żewġ naħat.

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fl-10.45pm u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 28 ta' Settembru 2016 fis-7.00pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**